# TNEDIJA TA' KOMPETIZZJONI GĦAD-DISINN TAL-QOXRA TAL-KTIEB:

# SPECIOSA CITTÀ ROHAN

Il-Għaqda Każin Banda San Filep flimkien mal-Għaqdiet Volontarji "Wirt Ħaż-Żebbuġ" u "Ħbieb tal-Arkivji Nazzjonali" qed tniedi kompetizzjoni għad-disinn tal-qoxra ta' dan il-ktieb ġdid li jittratta aspetti differenti mill-istorja u l-kultura ta' Ħaż-Żebbuġ, b'tagħrif fuqu, niesu u ġrajjietu. Se jkun fih ġabra ta' kitbiet ta' standard għoli, informattivi u serji. Id-daqs tal-ktieb ikun ta' 244mm għoli u 170mm wiegħsa (B5). Id-disinn irid ikopri quddiem u wara u x-xewka tal-qoxra tal-ktieb. Il-Proġett ta' dan il-ktieb għandu l-għajnuna ta' l-iSmall Initiatives Support Scheme (SIS) immexxija mill-Malta Council for the Voluntary Sector (MCVS).

Il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni huma dawn li ġejjin:

1. Jista' jidħol kulħadd, inklużi studenti u żgħażagħ;
2. Ix-xoghol irid ikun oriġinali waqt li l-medium tax-xogħol jitħalla f'idejn l-artist;
3. L-għeluq tal-kompetizzjoni huwa is-25 ta' Lulju 2020 fit-20.00;
4. L-artist jista' jkun ta' ċittadinanza Maltija jew anke barranija;
5. Ix-xogħol irid jiġi ppreżentat, issiġillat u mogħti taħt nome-de-plume u ndirizzat lill-Kumitat tal-Proġett "Speciosa Città Rohan", 12 Misraħ San Filep, Ħaż-Żebbuġ, ZBG 1011, Malta. Ġo dan l-envelop għandu jitqiegħed ieħor issiġillat u ġewwa jkollu d-dettalji tal-artist waqt li fuq barra jġib in-nom-de-plume. Meta jinfetħu s-sootomissjonijiet, dan it-tieni envelop jinżamm minn persuna ta' fiduċja li ma hix parti mill-kumitat tal-ktieb sakemm issir il-ġudikazzjoni tad-disinni sottomessi.
6. Il-ftuħ tax-xogħolijiet ippreżentati jsir fil-Każin Banda San Filep, b'mod pubbliku fis-26 ta' Lulju 2020 fil-11.00am u jista' jattendi għalih kull min ikun irid;
7. Ġurija maħtura mill-Kumitat tal-Proġett "Speciosa Città Rohan" tagħti gradwatorja tal-ewwel 3 xogħlijiet rebbieħa. Jinżamm id-dritt li d-disinn rebbieħ ma jintużax fuq il-qoxra jekk il-ġurija jidhrilha li ma ntalaqx l-istandard mixtieq.
8. Jekk id-disinn rebbieħ jintgħażel biex ikun stampat fuq il-qoxra tal-ktieb imsemmi: (1) l-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 ikollha d-dritt tuża d-disinn f'kull pubbliċità li tagħmel in konnessjoni mal-ktieb, (2) ritratt u profil qasir tal-artist jiddaħħal fil-ktieb; u (3) Meta jiġi stampat fuq il-qoxra tal-ktieb, jitħallas premju ta €100 lill-artist.

***Nota:***

It-tagħrif f''dan il-ktieb qatt ma kien stampat f'kotba tal-istorja fuq Ħaż-Żebbuġ, imma biss fir-rivisti annwali tal-Każin San Filep. L-isem tal-ktieb huwa meħud mill-espressjoni li kienu jużaw xi nutara fis-seklu 19 meta jirreferu għal Ħaż-Żebbuġ u jfisser Is-Sabieħa Belt Rohan. L-isem ta' Città Rohan ingħata lil Ħaż-Żebbuġ mill-Gran Mastru Emanuel de Rohan fl-1797 b'rikonoxximent tal-kobor u l-importanza li kellu dan ir-raħal antik.

Maħruġa mill-Kumitat tal-Proġett "Speciosa Città Rohan":

Dr Joseph Ciantar    Dr Evelyn Pullicino    Mr Philip Balzan

Fondazzjoni Wirt Ħaż-Żebbuġ

FRIENDS OF THE NATIONAL ARCHIVES OF MALTA

BANDA SAN FILEP A.D. 1851

Small Initiatives Support Scheme